RABAT

## *KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 19**

* **Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija iltaqa` nhar It-Tlieta 5 ta' Gunju 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Chairperson |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A18**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgħa A18 jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur George Attard. Il-minuti ġew approvati. — Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A18

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A18**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. — Korrezzjonijiet tal-Minuti A18

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A18**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3.01 | 5.01 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li l-Kunsill kien ircieva twegiba minn Transport Malta ghat-talba li ghamel dwar xogholijiet ta' rikostruzzjoni fi Triq l-Mantell, Triq ir-Rummien, Triq il-Gojjien u parti minn Triq in-Namura. Hija kompliet billi qalet li TM l-ittra taghha infurmat lil Kunsillli li ma tesproprjax art f'toroq residenzjali u li t-toroq ghandhom jigu iffurmati mis-sidien qabel TM tkun tista tasfalta t-toroq ghall-ewwel darba. Fl-ittra taghhom TM qalet ukoll li barra minhekk triq ghandha tkun mill-anqas 70% mibnija biex dinh tkun tista tigi asfaltata.<br><br>Is-Sur George Attard issugerixxa li r-residenti ta' l-imsemmija toroq jigu infurmati bit-twegiba ta' TM. | | Bzonn ta' asfalt go Triq il-Mantell, Triq il-Gojjin, Triq ir-Rummien u parti minn Triq in-Namura |
| 3.02 | 5.02 *Ic-Chairperson* is-Sur Paul Grech nforma l-laqgha li x-xogholijiet fuq Triq il-Palazz kienu ser jinbdew fil-granet li gejjien. | | Trangar ta' Triq il-Palazz |
| ** | Is-Sna. Joanna Farrugia Galea dahlet ghal-laqgha fis-6.10 p.m. | | |
| **4.00** | **Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv** | | |
| 4.01 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li t-tindif ta' Wied Gebel Ghomor u t-tiswijiet fuq il-gibjun kienu ser jinbew fix-xhur li gejjien mill-Ministeru tar-Rizosi u Affarijiet Rurali. | | Tindif ta' Wied Gebel Ghomor u l-gibjun |
| 4.02 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li minhabba diversi ilment li rcieva l-kunsill kemm mir-residenti kif ukoll mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali, l-Kunsill kien iddecieda li jaghlaq il-bandli Gnien il-Barnuza l-Hamra temporanjament sakemm issiru t-tiswijiet mehtiega skond kif indikat fir-rapport mill-*MCCAA.* Hi kompliet billi qalet li l-Kunsill kien qed jahdem sabiex johrog it-tender fil-jiem li gejjien.<br><br>Is-Sur George Attard talb li jitwahhal avviz mad-dawra tal-gnien fejn ninfurmaw lil pubbliku li x-xogholijiet qed issiru mill-Kunsill Lokali tar-Rabat flimkien mal-Kumitat Ammistrattiv tal-Bahrija. Il-Kumitat qabel. | | Xogholijiet fuq il-Bandli Gnien il-Barnuza l-Hamra |
| 4.03 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgha li l-Kunsill kien talab lil Perit sabiex thejji pjanta ghal sistema ta' parkegg fil-Pjazza tal-Bahrija. Dan | | Sistema ta' parkegg fil-Pjazza tal-Bahrija |

minhabba li f'din il-pjazza qed issir sewqan eccessiv li qed ikun ta' periklu ghar-residenti.

** Is-Sur Anglu Portelli dahhal ghal-laqgha fis-6.30 p.m.

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Paul Galea gibed l-attenzjoni li t-tabella tal-Landrijiet ghada ma twahlitx. Tabella tal-Landrijiet

5.02 Is-Sur Paul Galea talab li jinqata l-haxix ta' Wied Rini hdejn l-istazzjon. Il-Kumitat qabel. Qtugh ta' haxix Wied Rini

5.03 Is-Sur Paul Galea sahaq dwar li bzonn li jsiru *cats eyes* jew sinjali mal-genb tat-triq tal-Fiddien. Dan minhabba li hemm kanal fil-genb tat-triq li bil-lejl qed tkun ta' periklu ghas-sewwieqa. Il-Kumitat qabel *Cats eyes* jew sinjali mal-genb tat-triq tal-Fiddien

5.04 Is-Sur Paul Galea qal li int u nizel ghal Fiddien hemm hafna hofor li hemm bzonn li jigi irrangati. Il-Kumitat qabel. Hofor il-Fiddien

5.05 Is-Sur George Attard qal li fit-triq li taghti ghal Bahrija qed issir sewqan eccessiv ukoll mix-xufieri tal-*Arriva* li qed ikun ta periklu ghal sewwieq ohra kif ukoll ghar-residenti. Hu ippropona li ninfurmaw lil kumpanijia *Arriva* b'dan l-abbuzz. Il-Kumitat qabel. Sewqan eccessiv ukoll mix-xufieri tal-*Arriva*

5.06 Is-Sur George Attard talab li jsir *refresh* tas-sinjali tat-triq, fit-triq li taghti ghal Bahrija *Refresh* tas-sinjali tat-triq, fit-triq li taghti ghal Bahrija

5.07 Is-Sur George Attard talab li jinqata l-haxix u jigu rrangati l-bankini ta' Triq il-Lewz. Il-Kumitat qabel. Qtugh ta' haxix u rrangar ta' bankini Triq il-Lewz

5.08 Is-Sur George Attard gided l-attenzjoni li diversi *srumblers* qed jghaddu mix-xaghri, bil-konsegwenza li qed jikkagunaw diversi hsarat lil kurduna tal-bankini. Hu ippropona li ghandna nghaddu dan ir-rapport lil pulizija. Il-Kumitat qabel. Hsarat ikkagunati mill-*isrumblers*

5.09 Is-Sna Joanna Farrugia Galea sahqet dwar il-bzonn li ssir tindif u manutenzjoni tal-*Bus Shelter* li jinsab fil-Pjazza tal-Bahrija. Il-Kumitat qabel.

Manutenzjoni tal-*Bus Shelter*

5.10 Is-Sur Anglu Portelli talab li jigu mibdula t-tabelli tal-ismijiet tat-toroq ta' Triq il-Lewz, Triq it-Tin u Triq l-Kappella l-Qadima. Il-Kumitat qabel.

Tabelli godda bl-ismijiet tat-toroq

**6.00 Aġġornament**

6.01 L-aġenda ġiet eżawrita u l-laqgħa ntemmet fit-7.15p.m. Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju 2012 fis-6.00 p.m.

Aġġornament

Paul Grech

**Paul Grech**
**Chairperson**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**